# Minuti tat-Tlettin-il (30) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur Nhar il-Ħamis 24 ta' April, 2014 fit-3:00 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Daħlet Qorrot.** Peress li għall-laqgha attendew is-Sinjur u Sinjura Hili li xtaqu jitkellmu, s-Sindku talab sabiex l-ordni tal-laqgħa tinbidel. Il-Kunsilliera qablu. Is-Sindku qara l-korrispondenza li kien hemm bejn il-Kunsill u s-Sinjura Hili dwar it-talba biex jinbena ħajt mat-triq fil-bajja ta' Daħlet Qorrot. Is-Sindku qal ukoll li hu mar fuq il-post diversi drabi u l-ħaddiema tal-Kunsill bnew u irrangaw il-parti tal-hajt li kien imwaqqa. Is-Sinjuri Hili insistew li l-Kunsill għandu jaqħlaq il-passaġġ li hemm għaliex in-nies qegħdin jgħaddu minn ġol-proprjeta tagħhom u issa qegħdin jgħaddu wkoll bil-vetturi. Il-Viċi Sindku qal li l-passaġġ ilu hemm l'fuq minn tletin sena. Is-Sindku qal ukoll li meta mar fuq il-post innota li m'hemm l-ebda sinjal li kien hemm xi ħajt fejn qegħdin jitolbu li jsir ħajt is-Sinjuri Hili. Is-Sinjuri Hili qalu li l-aċċess għar-raba ta' fuq kien minn fejn issa hemm il-latrina pubblika. Il-Kunsill ta parir lis-sinjuri Hili biex jieħdu parir ta' avukat dwar jekk għandhomx dritt huma jibnu ħajt sabiex jingħalaq il-passaġġ. Is-Sindku qal li jekk din il-kwistjoni tkompli l-Kunsill ma jkollux triq oħra hlief li jieħu parir ta' avukat indipendenti.

3. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru disa u għoxrin (29) tas-seba' Kunsill ġew amendati, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

4. **Resurfacing ta' Toroq.** Il-Kunsilliera nnotaw li x-xogħol ta' resurfacing fit-Toroq Madre Gemma Camilleri u Rakela Camilleri għadu ma bediex għalkemm kollox qiegħed f'postu u jista jinbeda x-xogħol. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-"Contract Manager" jiġi nformat biex jimxi skond il-kuntratt u l-kuntrattur jibda jeħel il-multa. Jekk hemm stipulat fil-kuntratt li l-kuntratt jista jiġi terminat, dan għandu jsir ukoll u jingħata lill-kuntrattur li ġie it-tieni fl-adjudication. Dr. Josianne Cutajar ma qablitx ma dan u qalet li l-Kuntrattur għandu jingħata aktar żmien. Gie enfażiżżat l-importanza li dawn it-toroq jitlestew sa nofs Gunju qabel ma jibdew il-preparamenti u l-attivitajiet tal-festa. Dr. Rita Mifsud qalet li ma kienx fl-

interess tar-residenti li l-kuntrattur jingħata aktar żmien meta dan ilu li ngħata l-ordni li jibda x-xogħol minn qabel il-Milied u saqsiet lil Dr. Josianne Cutajar jekk il-posizzjoni tagħha kinitx fl-interess tar-residenti. Ġie deċiż li jekk ix-xogħol ma jibdiex fi żmien ġimgħa mill-lum, jiġi terminat il-kuntratt.

5. **Patching fit-toroq arterjali.** Inġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn ta' patching fit-toroq arterjali speċjalment fi Triq il-Qala u Triq it-Tiġrija. Is-Segretarja informat lill-Kunsill li hi għamlet diversi lmenti dwar dan, kemm bis-sistema tal-Customer Care kif ukoll bl-emails.

6. **Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.** Il-Kunsill irċieva applikazzjoni ta' interess mingħand Danica Cassar biex tkun ambaxxatur taż-Żgħażagħ tan-Nadur. Il-Kunsill kien bgħat korrispondenza lis-Sur Michael Cohen biex jitlob permess sabiex Nicholas Haber ikompli bħala ambaxxatur sakemm iż-żagħżugħa Joanne Theuma tagħlaq l-eta ta' 16 fis-sajf. Dan għaliex Joanne Theuma wriet ix-xewqa li tkun ambaxxatur taż-żgħażagħ, iżda l-Kunsill ma ircieva ebda risposta . Il-Kunsilliera qablu unanimament li Danica Cassar tkun it-tieni ambaxxatur taż-żagħzagħ tan-Nadur. Joanne Theuma għandha tiġi mistiedna tieħu sehem fil-Kunsill taż-żgħażagħ.

7. **Financial Statements.** Il-Kunsill approva l-audited finiancial statements kif ġew ppreżentati mill-awdituri tal-gvern.

8. **Korrispondenza.**

(4875) Ittra mingħand OASI dwar diskussjonijiet li jikkoncernaw liż-żgħaħagħ u lit-tfal.
(4876) E-mail mingħand Ian Paul Bajada dwar il-European Youth Orchestra May 2014
(4877) Ittra mingħand Transport Malta dwar rikjesta ta' double yellow lines.
(4878) E-mail mingħand Nathan Farrugia dwar Eco Gozo Race – 26th April 2014
(4879) E-mail mingħand Pierre Cuschieri dwar stima ta żurħieqa għall-playing field.
(4880) Ittra mingħand il-M.U.S.E.U.M tas-subien fejn qed jintalab sponsorship tal-fuljett taż-żgħażagħ.
(4881) Invit mingħand il-Kunsill Lokali taz-Zebbug
(4882) Ittra mingħand Gozo Action Group dwar Measure 413.4-Landscaping
(4883) Ittra mingħand il-Ministeru tat-Turiżmu dwar il-Malta International Fireworks Festival
(4884) E-mail mingħand Lorraine Micallef dwar rapport dwar ġemellaġġi
(4885) E-mail mingħand Edward Said dwar kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u it-tim taż-zgħar
(4886) Rapport dwar il visita tar-Regjun t'Għawdex fl-Emilia Romagna 16-19 March 2014
(4887) E-mail mingħand Carefree Furniture dwar ħajt f'Daħlet Qorrot
(4888) Ittra mingħand is-Soċjeta Filarmonika Mnarja bħala applikazzjoni għas-suq fil-berah f-Jum L-Omm
(4889) Ittra mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ Banda Mnarja bħala applikazzjoni għas-suq fil-berah f'Jum L-Omm
(4890) E-mail mingħand it-Transport Planning unit dwar il-bdil tal-litter bins fil-pjazez principali tan-Nadur
(4891) E-mail lil Anita Sciberras dwar id-Day care centre u korsijiet fis-sajf.
(4892) E-mail mingħand Carefree Furniture dwar ħajt f-Dahlet Qorrot
(4893) E-mail mingħand Fr.Joseph Curmi dwar Jum iż-Żgħaħagħ
(4894) E-mail mingħand l-Enemalta dwar talba għall-bozza fi Triq ir-Ramla l-Hamra
(4895) E-mail mingħand l-Enemalta dwar talba għall-bozza fi Triq it-Tigrija
(4896) Petizzjoni mir-residenti ta' Triq Diċembru 13 biex jinbidel il-madum tal-bankina
(4897) Ittra mingħand V.18 Valletta dwar laqgħat li jridu jsiru fir-rigward tal-proġett Valletta 2018

**Charles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

(4898) Ittra minghand l-Ghaqda Armar Triq Dicembru 13 bħala applikazzjoni għall-parteċipazzjoni fis-suq fil-berah f'Jum l-Omm
(4899) Ittra minghand il GTA dwar attivita gastronomika
(4900) Ittra mingħand Transport Malta dwar rikjesta ta double yellow lines fi Triq ta' Said
(4901) E-mail lil Joseph Abela dwar Case 49/14 – PQ6870
(4902) E-mail mingħand Ingrid Van Sichem dwar invit għall-Beer Pump Festival 2015
(4903) E-mail mingħand Josmar Grech dwar il-World Cup themed Event f'Dahlet Qorrot
(4904) E-mail lic-chairman tal-GTA dwar attivitajiet fin-Nadur
(4905) E-mail mingħand ic-chairman tal-GTA fejn jikkonferma xi attivitajiet li se jsiru f'Dahlet Qorrot
(4906) E-mail minghand Carefree Furniture dwar hajt f'Dahlet Qorrot
(4907) E-mail lil Joseph Portelli dwar Dahlet Qorrot
(4908) E-mail mingħand Reno Grech dwar twahhil ta' signs
(4909) E-mail mingħand Fabian Galea dwar il-Karnival 2015
(4910) E-mail mingħand Transport Malta dwar it-tour Internazzjonali ta' Malta 2014
(4911) Survey tal-vetturi fi Triq ir-Rabat
(4912) Ittra mingħand il-MEPA dwar dokument ta' konsultazzjoni
(4913) E-mail mingħand Transport Malta dwar il-Purċissjoni tal-Gimgħa l-Kbira
(4914) Ittra mingħand il-Ministeru għall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u tibdil fil-Klima dwar xi tibdiliet li saru fir-regolamenti meta jsiru xi attivitajiet organizzati fejn jidhlu il-bhejjem.

9. **Measure 125 – Tender for Road Resurfacing Works at Triq Wied Bingemma.** L-offerti nfethu fil-ġurnata ta' l-egħluq fil-prezenza tas-Sindku u żewġ kunsilliera oħra. Kien hemm żewġ offerti:

   Gatt Tarmac Ltd. 44,809.79

   Road Construction Co. Ltd. 41,858.36

   Kopji ta' l-offerti ingħataw lill-Contract Manger, il-Perit Robert Grech u vverifika li l-offerti t-tnejn huma validi u rrakkommanda li tingħata lill-aktar waħda vantaġġuża li hija ta' Road Construction Co. Ltd. Kien hemm qbil unanimament dwar dan.

10. **Eco Gozo Race Around Gozo.** Nhar is-Sibt 26 ta' April 2014 se jsir l-Eco Gozo Race Around Gozo. Bħas-snin ta' qabel il-Kunsill ġie mitlub sabiex il-bidu u t-tmiem ta' din it-tiġrija jkun fil-Pjazza tan-Nadur. Il-Kunsill ser jipprovdi refreshments lill-parteċipanti u għajnuna ohra ta' loġistika sabiex terġa tiġi organizzatta din l-attivita.

11. **Tnaqqis ta' fondi mill-allokazzjoni.** Il-Kunsill ġie nformat permezz ta' email mid-Dipariment għall-Gvern Lokali li l-ammont ta' €1017.60 ser jiġi mnaqqas mill-allokazzjoni tal-Kunsill għaliex il-Kunsill qabeż l-ammont ta' direct order, kwotazzjoni jew tender fir-rispett ta' ħlas lill-Perit. Il-Kunsilliera assolutament ma qablux ma dan peress li l-Kunsill għandu ftehim tal-Public Private Partnership (PPP) bl-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex iħallas il-kuntrattur kif ukoll il-contract manager fuq bażi ta' tmien snin. Barra minnhekk il-Contract Manager qed jaħdem fuq proġetti kbar kapitali li nbdew snin ilu meta hu kien ngħata tender għal dan is-servizz.

**Charles Said, Sindku**  **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

12. **Fondazzjoni OASI.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Fondazzjoni OASI dwar talks li joffru għaż-żgħażagħ u adulti dwar abużi u diffikultajiet oħra. Il-Kunsilliera issuġġerixxew li ftit minn dawn it-talks jistgħu jsiru fuq Radju Luminaria u b'hekk jiġu segwiti minn aktar persuni. Issuġġerixxew ukoll li dawn it-talks jiġu offruti liċ-Centru Parrokkjali, MUSEUM tas-Subien u Bniet u waqt il-laqgħat ta' l-għarrajjes.

13. **European Youth Orchestra.** Il-Kunsill irċieva stedina mingħand ir-Reġjun għal Għawdex biex jinnomina lil persuna bandist biex jieħu sehem fil-"European Youth Orchestra". Dan għandu jkun persuna li għandu madwar 20 sena. Il-Kunsill bagħat din il-korrispondenza lil-Kumitat tas-Soċjeta Filarmonika Mnarja biex jinnominaw persuna huma. Huma ma għażlux persuna iżda s-Surmast tal-banda rrakkomanda lil Silvan Theuma. Jekk dan jintgħażel biex jieħu sehem ikollu l-akkomodazzjoni u lodging (inkluż l-ikel) mħallas mill-organizzaturi Franċiżi. Il-Kunsill ikun obbligat li iħallas il-passaġġ ta' l-ajru.

14. **Publikazzjonijiet.** Il-Kunsill approva ħlas sa €500 fi spejjes ta' printing għal fuljetti tal-MUSEUM.

15. **Nadur Youngsters F.C.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju u kowċ tan-Nursery tan-Nadur Youngsters biex il-Kunsill jikkollabora biex isir Tournament ta' l-Under 11 fl-okkazzjoni ta' 10 Anniversarju mid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. Ser jieħdu sehem 8 timijiet barra in-Nadur Youngsters. Il-Kunsill approva li jalloka l-ammont ta' €200 għal dan it-tournament. Il-Viċi Sindku qal ukoll li it-Tim ta' Under 18 rebaħ il-kampjonat u talab kollaborazzjoni sabiex issir ċerimonja. Il-Kunsill approva li jħallas il-momentos u t-trophies.

16. **Bozzoz Godda.** Dr. Josianne Cutajar issuġġeriet li fil-futur meta xi ħadd jitlob bozza ġdida, il-Kunsill iġib bil-miktub l-approvazzjoni tagħhom sabiex l-istess bozza tiġi mwaħla mal-proprjeta ta' min qed jitlob il-bozza.

17. **Jum Iż-Żgħażagħ**. Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Fr. Joseph Curmi fejn informa lill-Kunsill li nhar il-Gimgħa 20 ta' Gunju ser jiġi organizzat Jum iż-Żgħażagħ miċ-Ċentru Parrokkjali.

18. **Triq it-Tramuntana.** Il-Kunsill irċieva ittra ffirmata mir-residenti ta' 1 Triq Diċembru 13 fejn huma ilmentaw dwar il-bankina li hemm fi Triq it-Tramuntana għaliex tiżloq . Huma qalu li diġa tkellmu mas-Sindku u qed jitolbu li l-madun ta' din il-bankina jiġi mibdul. Is-Sindku qal li hu kien diġa tkellem mal-kuntrattur tal-bankina w ta' ordni sabiex dan il-madum jigi mibdul.

19. **Bejgħ ta' Xtieli.** L-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 talbet permess bħas snin l-imgħoddija biex tkun tista tbiegħ ix-xtieli bħala fund raising bejn il-Gimgħa 9 ta' Mejju u l-Ħadd 11 ta' Mejju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

20. **Gioci Senza Frontieri.** Il-Kunsill irċieva email mingħand Joe Louis Xiberras dwar logħob fis-sajf. Dan jirrikjedi 4 timijiet ta' 8 parteċipanti (li jkunu zgħażagħ li għandhom l' fuq minn 16-il sena). Din għandha tiġi diskussa waqt laqgħa taż-żgħazagħ.

21. **PPP.** Il-Kunsill irċieva kont ta' €76,166.69 dovut lil Gatt Tarmac Ltd. għax-xogħol ta' tibdil tal-mains u servizzi ta' l-ilma fit-toroq li saru taħt l-iskema tal-Public Private Partnership. Il-Kunsilliera qablu li kif jibda x-xogħol fit-toroq Madre Gemma Camilleri u Rakela Camilleri dan il-kont għandu jibda jitħallas.

22. **Offerta għas-Servizz ta' Perit.** Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-Servizz ta' perit. Intefgħu 6 offerti:

| | |
|---|---|
| Andrew Sultana | 6% |
| Claude R. Mallia | 3.54% |
| P. Arc. | 4.75% |
| Joe Barbara | 5.95% |
| Robert Grech | 2.85% |
| Foresight Architects | 2.4% |

Il-Kunsilliera għażlu s-servizz ta' Robert Grech. Ibbażżaw din id-deċiżjoni fuq esperjenza, professjonalita, u kapaċita. Il-Kunsilliera qablu unanimament dwar din id-deċiżjoni.

23. **Korsijiet tas-Sajf.** Ġew diskussi korsijiet li ser joffri l-Kunsill għar-residenti matul ix-xhur tas-sajf. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill joffri dawn il-korsijiet: Mosaic art, art attack, bizzilla u arteġġjanat oħra, ħjata bażika u ħjata tal-purtieri. Barra dawn il-Kunsill joffri Child Day Care Centre għat-tfal minn 3 snin sa 5 snin.

24. **Rampa F' Daħlet Qorrot.** Għalkemm il-Kunsill kiteb diversi drabi lid-Direttur fi ħdan il-Ministeru għall-Għawdex dwar l-urġenza li titranġa r-rampa fil-bajja ta' Daħlet Qorrot il-Kunsill baqa bla ebda risposta. Dr. Josianne Cutajar qalet li hi ġiet informata li hemm bżonn li ssir laqgħa urġenti mal-Perit Angelo Portelli u mal-persuna inkarigata, Anthony Debono biex naraw x'jista jsir. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li l-Kunsill ma rċieva l-ebda korrispondenza f' dan is-sens.

25. **Business Plan.** Il-Kunsill approva l-Business Plan għas-snin 2014-2016. Dr. Josianne Cutajar tixtieq kjarifika ta' l-aħħar kolonna ta' din it template.

26. **Pjazza San Pietru u San Pawl**. Inġibdet l-attenzjoni li l-Pjazza infetħet kmieni għat-traffiku Hadd il-Għid. Il-purċissjoni kienet għada ma daħlitx u l-pulizija fetħu l-Pjazza meta kien għad fadal tfal jiġru fil-Pjazza. Ġie ssuġġerit li l-Pjazza u Triq Diċembru 13 jibdew jinqħalqu għat-traffiku xi fl-għaxijiet wara li jgħalqu l-ħwienet tal-merċa u ħekk ir-residenti jkunu jistgħu jgawdu l-ambjent.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

27. **Materji Oħra.** Is-Sindku qal li hu kellu talba sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni biex issir is-sistema tad-drenaġġ fi Triq il-Qortin. Is-Sindku qal li l-ittra li nagħmlu lill-Ministeru għandha tintbagħat lir-residenti ukoll. Josianne Cutajar qalet li għandha ssir referenza għall-korrispondenza precedenti dwar dan is-suġġett meta l-Kunsill jibgħat din l-ittra.

Gie ssuġġerit li l-Kunsill ipoġġi żewġt mwejjed bil-bankijiet imwaħħlin magħhom fl-inħawi ta' Xurdin. Dawn simili għal dawk li hemm ir-Ramla. Is-Segretarja għandha tikkuntattja l-beach cleaning section dwarhom.

Dr.Josianne Cutajar qalet li hi kellha lment mill-kenniesa dwar il-ħmieġ ħdejn il-bring in sites fi Triq it-Tiġrija. Il-Kunsill diġa ħa ħsieb dan l-ilment.

Eucharist Camilleri talab sabiex il-Kunsill ikompli l-passaġġ li kien diġa nbeda fi Triq ta' Xħajma. Dan jirrikjedi 8 jardi konkos. Dan ġie approvat mill-Kunsill. Ix-xogħol ha jsir mill-bdiewa stess.

Eucharist Camilleri qal li hemm bżonn li tinbidel parti mill-fencing tal-ground tal-football (in-naħa tal-gabbana). Dan għandu jsir mill-Kunsill.

Josianne Cutajar talbet sabiex il-Kunsill ifakkar lill-Gvern Ċentrali dwar it-talba biex issir street calming measure fi Triq San Gwann.

Il-laqgħa ntemmet fit-18:15. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Hamis 22 ta' Mejju fil-5:30 ta' filgħaxija.

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 24/04/2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ARMS Ltd. | €130.00 | €130.00 | | Good Fridsay procession Temporary Meter | | | 12761 |
| 2 | Gatt Tarmac Ltd. | €11,286.23 | €11,286.23 | | St.James Street | 15/04/14 | | 12762 |
| 3 | Sammy Parnis | €40.00 | €40.00 | | Good Friday | 15/04/14 | | 12763 |
| 4 | Nadur Local Council | €115.82 | €115.82 | | Petty Cash | 22/04/14 | | 12764 |
| 5 | Go Plc | €121.32 | €121.32 | | March | 22/04/14 | 37373408/37373405 | 12765 |
| 6 | ARMS Ltd. | €313.09 | €313.09 | | December - February | 22/04/14 | 18314106 / 18321232 | 12766 |
| 7 | Transport Malta | €112.00 | €112.00 | | Services of Enforcement Officer | 25/04/14 | 011/2014 | 12767 |
| 8 | Joseph Mercieca | €5,120.72 | €5,120.72 | | Hire and dumping of skips Oct-Feb | 31/03/14 | 162/163/164/165/166 | 12768 |
| 9 | George Grech | €450.00 | €450.00 | | Maintenance | 22/04/14 | | 12769 |
| 10 | Paul Thomas Caruana | €52.50 | €52.50 | | Drinks - Valparaiso | 04/03/14 | | 12770 |
| 11 | Pralines | €37.50 | €37.50 | | Figolli - Cenaklu Ħaj | 23/04/14 | | 12771 |
| 12 | Matthew Xuereb | €161.84 | €161.84 | | Cleaning | 21/04/14 | | 12772 |
| 13 | Francis Caruana Ltd. | €135.00 | €135.00 | | 10metres outside tiles | 21/04/14 | 59917 | 12773 |
| 14 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | | Fuel | 31/03/14 | | 12774 |
| 15 | Carmel Mifsud | €1,914.10 | €1,914.10 | | Rental of trucks | 19/04/14 | 202/203 | 12775 |
| 16 | United Mini Bus Service | €145.00 | €145.00 | | Transfers | 04/07/14 | 485 | 12776 |
| 17 | Attard Confectionery | €575.00 | €575.00 | | Figolli | 1704/14 | 39 | 12777 |
| 18 | Wasteserve Malta Ltd. | €3,725.73 | €3,725.73 | | Jan - Feb | 04/11/14 | 48328 | 12778 |
| 19 | Smart Office Supplies | €41.24 | €41.24 | | Stationery | 04/03/14 | 3937 | 12779 |
| 20 | Gatt Tarmac Ltd. | €2,655.71 | €2,655.71 | | Supply of cold asphalt | 04/11/14 | 1358 | 12780 |
| | **Total** | **€27,237.80** | **€27,237.80** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 24/04/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | P & J Debono Cons. Ltd. | €415.41 | €415.41 | | Cement | 04/01/14 | 16930 | 12781 |
| 22 | Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | | North Street Public Convenience | 31/03/14 | 8664086 | 12782 |
| 23 | BCD Graphics Ltd. | €63.00 | €63.00 | | Posters | 04/07/14 | 4541 | 12783 |
| 24 | Anthony Mercieca | €113.53 | €113.53 | | Bulky Refuse | 31/03/14 | 866 | 12784 |
| 25 | R.A.& Sons Ltd., | €182.65 | €182.65 | | RDR Tiles Red | 14/03/14 | 6269/6545 | 12785 |
| 26 | R.A. & Sons Manufacturing Ltd. | €19.18 | €19.18 | | Kurduna | 15.03/14 | 07-Aug | 12786 |
| 27 | Kop. Ghawdxija Indafa Pubblika | €3,971.00 | €3,971.00 | | Refuse collection for March | 31/03/14 | 17215 | 12787 |
| 28 | Keen | €171.10 | €171.10 | | Printing of poster | 04/06/14 | 04-Jan | 12788 |
| 29 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | | Sweeping of San Blas | 03/03/14 | 20 | 12789 |
| 30 | Mario Cardona | €25.08 | €25.08 | | Opening of Public Convenience | 31/03/14 | 34 | 12790 |
| 31 | Xerri's Garden Centre | €243.30 | €243.30 | | Plants | 04/12/14 | 2190/2186 | 12791 |
| 32 | Joseph Cauchi | €211.00 | €211.00 | | Gnien il-Kunsill | 04/02/14 | 74 | 12792 |
| 33 | Charles Mifsud | €190.00 | €190.00 | | Sweepin g of Xaghri Area | 31/03/14 | | 12793 |
| 34 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €96.62 | €96.62 | | Contract Manager Fee | 28/03/14 | 2545 | 12794 |
| 35 | Peter Paul Said | €4,497.04 | €4,497.04 | | Hire of equipment | 31/03/14 | 3383/3387/3389/3390 | 12795 |
| 36 | Dolphin Pools | €477.13 | €477.13 | | Service and replacements | 20/01/14 | 16304/16305 | 12796 |
| 37 | Road Construction Co. Ltd. | €240.00 | €240.00 | | Cold Mix Bags | 04/09/14 | 12338 | 12797 |
| 38 | Mary attard | €95.85 | €95.85 | | Librarian - March | 31/03/14 | | 12798 |
| 39 | Anaca Photography | €410.00 | €410.00 | | Photos | 04/02/14 | 20140402-01 | 12799 |
| 40 | Radu Gheorghe | €280.00 | €280.00 | | General Fitness | 26/03/14 | | 12800 |
| | **Sub total** | **€36,709.99** | **€36,709.99** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€27,237.80** | **€27,237.80** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€63,947.79** | **€63,947.79** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 24/04/2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | John Bonello | €500.00 | €500.00 | | Toners | 16/04/14 | 2614 | 12801 |
| 42 | Rabokk Pizzeria & Snack bar | €73.50 | €73.50 | | Food | 24/03/14 | 801 | 12802 |
| 43 | Joseph Camilleri | €34.60 | €34.60 | | Roll Nylon | 04/05/14 | 1877 | 12803 |
| 44 | AC Trading | €185.31 | €185.31 | | Dictioneries | 31/03/14 | 1 | 12804 |
| 45 | Dept. Of local Government | €73.87 | €73.87 | | Reimbursement | 14/04/14 | | 12805 |
| 46 | John Ivan Xuereb | €1,386.68 | €1,386.68 | | General Hand and sweeping of Grunju Street | 31/03/14 | 18946/18947 | 12806 |
| 47 | Gemma Zammit | €140.00 | €140.00 | | Day Care Centre March | 31/03/14 | | 12807 |
| 48 | M'Concetta Mifsud | €120.00 | €120.00 | | Day Care Centre March | 31.03.14 | | 12808 |
| 49 | M'Rose Grima | €90.00 | €90.00 | | Day Care Centre March | 31/03/14 | | 12809 |
| 50 | Road Construction Co. Ltd. | €194.47 | €194.47 | | Hot mix and labour | 27/08/12 | 11371 | 12810 |
| 51 | Perm. Sec. Ministry for Justice | €100.00 | €100.00 | | Advert | 14/04/14 | | 12811 |
| 52 | Peter Paul muscat | €690.94 | €690.94 | | Cement and labour | 25/04/14 | | 12812 |
| 53 | Gatt Tarmac Ltd. | €26,166.69 | €26,166.69 | | Part-payment | 04/08/11 | | 12813 |
| 54 | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | |
| | | **€29,756.06** | **€29,756.06** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€63,947.79** | **€63,947.79** | | | | | |
| | **Total** | **€93,703.85** | **€93,703.85** | | | | | |

Sindku | Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier | Kunsillier